**4 ta' Marzu, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Nobbli Mario Galea Testaferrata *noe*

*versus*

Maria armla ta' John Borg *et*

**Mandat – Mandat ta' Sekwestru – Esekuzzjoni – Titolu Esekuttiv**

*L-atturi fittxew sabiex jattakkaw Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontra tagħhom għal arretrati ta' ċens għaliex ippretendew illi parti miċ-ċens dovut kien ta' rati dovuti aktar minn tliet snin qabel ma ħareġ il-mandat u barra minn dan il-kreditu rreklamat kien preskritt għaliex għaddew aktar minn ħames snin minn meta kien allegatament dovut.*

*L-ewwel Qorti wara li ċaħdet eċċezzjoni preliminari ta' nullità ta' Ċitazzjoni laqgħet l-eċċezzjoni li kienu għaddew aktar minn tliet snin minn meta seta' jiġi esegwit il-kreditu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell osservat illi t-tliet snin li jsemmi l-artikolu 258 tal-Kap. 12 huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni għaliex l-effikaċja ta' titolu esekuttiv tispiċċa wara li jgħaddu tliet snin u biex dak it-titolu esekuttiv jerġa' jieħu effikaċja, jista' jiġi rinnovat biss bil-ministeru tal-Qorti wara ċitazzjoni.*

*Il-frażi "seta' " jiġi esegwit tirrferixxi għat-titolu li seta' jiġi esegwit, jiġifieri meta t-titolu tal-kreditur jakkwista l-potenzjalità ta' esekuzzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti rriduċiet it-terminu ta' tliet snin għal terminu li fih għandha tintbagħat l-ittra uffiċjali, fil-każ ta' esekuzzjoni ta' xi titolu li m'huwiex ġej minn sentenza jew digriet, u l-esekuzzjoni attwali wara dik l-ittra uffiċjali tiġi li ssir wara li jgħaddu tliet snin minn mindu l-kreditur seta' jesegwixxi imma ma esegwiex. Ġiet konsegwentement ikkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità u rrevokat in kwantu akkoljiet l-eċċezzjoni illi, almenu in parte, il-mandat kien*

*ritwalment korrett għal dik il-parti tal-krediti tal-konvenuti li kienu ilhom aktar minn tliet snin jifformaw parti mit-titolu esekuttiv li kellhom il-konvenuti. L-atti ġew rimessi lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

1. Il-konvenuti ħarġu mandat ta' sekwestru esekuttiv – numru 1480/90 – kontra l-atturi għall-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u tmienja u disgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm21,898.80) *sorte*, flimkien ma' ħames mija u tlieta u tmenin lira, sitta u disgħin ċenteżmi u tmien milleżmi (Lm583.96,8) interessi mill-10 ta' Jannar, 1990, sa l-10 ta' Mejju, 1990 – total ta' tnejn u għoxrin elf, erba' mija u tnejn u tmenin lira, sitta u sebgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm22,482.76,8). Is-*sorte* kienet dovuta għal arretrati ta' ċens. Parti miċ-ċnus dovuti kien ta' rati dovuti aktar minn tliet snin qabel ma ħareġ il-mandat, u għalhekk kontra dak li jiddisponi l-art. 258 Kap. 12. Iċ-ċnus mitluba kienu dovuti mit-8 ta' Novembru, 1975, sat-8 ta' Novembru, 1989. Barra minn dan, fi kwalsiasi każ, il-kreditu rreklamat huwa preskritt għaliex għaddew aktar minn ħames snin minn meta allegatament kien dovut;

L-atturi għalhekk talbu lill-Qorti tal-Kummerċ li tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru esekuttiv imsemmi huwa null u inattendibbli u għalhekk għandha toħroġ l-opportun kontro mandat;

2. Il-konvenuti opponew illi (a) iċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex anki fl-aħjar ipotesi, favur l-atturi, dak li jallegaw ma jġibx in-nullità tal-mandat imma riduzzjoni ta' l-ammont mitlub għal somma ekwivalenti għal tliet snin ċens – dak dovut mit-8 ta' Novembru 1986, sat-8 ta' Novembru, 1989; (b) it-tliet snin li jsemmi l-art. 258 Kap. 12 jibdew għaddejjin minn dak inhar

li l-kreditur seta', skond il-liġi, tintalab l-esekuzzjoni tiegħu u skond l-art. 256(2) Kap. 12 kreditur jista' jitlob l-esekuzzjoni ta' kuntratt wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju, u f'dan il-każ l-ittra uffiċjali ta' l-eċċipjenti ġiet innotifikata fl-10 ta' Jannar, 1990, u t-tliet snin jibdew jiddekorru minn jumejn wara din id-data;

3. Fis-16 ta' Jannar, 1991, il-Qorti tal-Kummerċ wara li rrispinġiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti billi ma rravviżat ebda nullità fiċ-ċitazzjoni, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tagħhom u wara li kkunsidrat illi ċ-ċens stipulat fil-kuntratt tat-8 ta' Novembru, 1969, kien ta' Lm1564.20ċ, pagabbli kull sitt xhur b'lura – mid-data tal-kuntratt, kompliet:

"... permezz ta' ittra uffiċjali ddatata tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru, 1989, fol. 20) il-konvenuti interpellaw lill-atturi u lil Maria Lourdes armla ta' Joseph Licari sabiex "*in solidum*" bejniethom iħallsu s-somma ta' Lm21,898.80,0 rappreżentanti erbatax (14)-il sena ċens fuq l-art hawn fuq imsemmija għall-perijodu mit-8 ta' Novembru, 1975, sat-8 ta' Novembru, 1989;

Illi jirriżulta wkoll illi, in esekuzzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi, il-konvenuti fl-erbatax (14) ta' Ġunju, 1990, ottjenew il-ħruġ kontra l-atturi tal-mandat ta' sekwestru numru 1486/90 (Dok. A, fol. 5) għall-ammont ta' Lm21,898.80,0 hawn fuq imsemmi għall-imgħax relattiv ikkalkolat sa l-10 ta' Mejju, 1990, u għal xi spejjeż ġudizzjarji;

Illi l-atturi f'din il-kawża qed jitolbu lill-Qorti illi tiddikjara u tiddeċidi illi l-mandat esekuttiv hawn fuq imsemmi huwa null u inattendibbli u illi tordna l-ħruġ tal-kontromandat opportun

u dana, fil-kliem testwali ta' l-att ta' ċitazzjoni;

"...billi kif jidher mill-istess mandat il-kreditu kien għall-perijodu għal ċnus allegatament dovuti mill-perijodu mit-8 ta' *Novembru, 1975, sat-8 ta' Novembru, 1989 u ċjoè għal snin* eċċedenti t-tliet snin;

"U billi għat-tenur ta' l-artikolu 258 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta wara l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li bih skond il-liġi titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti u għalhekk fil-każ in kwistjoni ma setax jinħareġ ebda mandat esekuttiv *stante* li l-perijodu għal liema ċens qed jiġi rreklamat jissupera l-imsemmija tliet snin u l-konvenuti ma pproċedewx biex jottjenu awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni tal-kreditu tiegħu skond kif ipprovdut fil-liġi";

Illi din il-Qorti, filwaqt illi tirrileva illi jidher illi l-attur qed jagħmelu riferenza għall-artikoli 253 u 258 **tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12,** ma taqbilx mat-*teżi ta' l-atturi, iżda taqbel pjenament ma' dak sottomess mill-*konvenuti fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, u ċjoè illi t-tliet snin imsemmija fl-istess artikolu 258, fil-każ in kwistjoni bdew jiddekorru wara jumejn min-notifika lill-atturi ta' l-ittra uffiċjali hawn fuq irriferita tat-28 ta' Diċembru, 1989, u dana *ai termini* ta' l-artikolu 256(2) ta' l-istess Kodiċi;

Infatti, m'hemmx dubju illi l-kuntratt in kwistjoni huwa titolu esekuttiv *ai termini* ta' l-artikolu 253(a) Kap. 12, u illi wieħed mit-titolu esekuttivi illi għalih jirreferi l-artikolu 256(2), Kap. 12 illi jiddisponi hekk:

"L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor **ma tistax issir ħlief** wara jumejn għall-anqas min-notifika tas-sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju" (sottolinear tal-Qorti);

L-artikolu 258, Kap. 12 imbagħad jiddisponi hekk:

"Wara l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih **skond il-liġi** it-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 **seta' ġie esegwit,** l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti" (sottolinear tal-Qorti);

Illi, għalhekk, fil-każ in eżami, jirriżulta illi għall-finijiet tal-ħlas taċ-ċens in kwistjoni l-esekuzzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 256(2), Kap. 12, ma setgħetx issir qabel ma għaddew għall-anqas jumejn min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru, 1989;

Mid-data ta' din in-notifika sad-data tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni għaddew ħafna anqas mit-tliet (3) snin imsemmija fl-artikolu 258, Kap. 12;

Illi, għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija sostenibbli u, konsegwentement, it-talbiet ta' l-atturi ma jistgħux jiġu milqugħa;

Illi, dan premess ma hemmx lok għal provvidement dwar it-tielet u dwar ir-raba eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom, tiddikjara illi ma hemmx lok għal

"L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor **ma tistax issir ħlief** wara jumejn għall-anqas min-notifika tas-sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju" (sottolinear tal-Qorti);

L-artikolu 258, Kap. 12 imbagħad jiddisponi hekk:

"Wara l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih **skond il-liġi** it-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 **seta' ġie esegwit,** l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti" (sottolinear tal-Qorti);

Illi, għalhekk, fil-każ in eżami, jirriżulta illi għall-finijiet tal-ħlas taċ-ċens in kwistjoni l-esekuzzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 256(2), Kap. 12, ma setgħetx issir qabel ma għaddew għall-anqas jumejn min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru, 1989;

Mid-data ta' din in-notifika sad-data tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni għaddew ħafna anqas mit-tliet (3) snin imsemmija fl-artikolu 258, Kap. 12;

Illi, għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija sostenibbli u, konsegwentement, it-talbiet ta' l-atturi ma jistgħux jiġu milqugħa;

Illi, dan premess ma hemmx lok għal provvidement dwar it-tielet u dwar ir-raba eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom, tiddikjara illi ma hemmx lok għal

provvediment dwar it-tielet u dwar ir-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi'';

4. L-atturi appellaw għaliex (a) it-terminu ta' tliet snin jibda jgħaddi mid-data li d-dejn ikun dovut; u kieku m'huwiex hekk kieku allura skond l-ittri uffiċjali li qed jiġu esibiti mal-petizzjoni, bid-dati 30 ta' Ġunju, 1972, 8 ta' Novembru, 1976, 31 ta' Mejju, 1977 u 28 ta' Diċembru, 1989 – l-esekuzzjoni tal-kuntratt fuq il-krediti dovuti għoxrin sena ilu, għadha possibbli;

5. (a) Is-sentenza appellata korrettement ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li ppretendew li ċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex talbet li jiġi ddikjarat null il-mandat billi dan jirrigwarda ammont li huwa akbar minn dak li seta' jiġi ssekwestrat. Anki jekk it-talba ta' l-atturi, fiċ-ċitazzjoni, mhix attendibbli – kif jgħidu l-konvenuti – dan ma jfissirx b'ebda mod li ċ-ċitazzjoni hija nulla;

(b) Mhux l-istess jingħad għall-interpretazzjoni ta' l-art. 258 Kap. 12, li jaqra hekk:

''Wara l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skond il-liġi titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti'';

Għandu jiġi osservat l-ewwelnett, illi t-tliet snin li jsemmi l-artikolu huwa terminu ta' dekadenza u mhux wieħed ta' preskrizzjoni, u dan għaliex l-effikaċja tat-**titolu esekuttiv** tispiċċa wara li jgħaddu tliet snin u biex dak it-titolu jerġa' jieħu effikaċja, jista' jiġi rinnovat biss bil-ministeru tal-Qorti wara

ċitazzjoni – kien x'kien l-oriġini ta' dak it-titolu, inklużi s-sentenzi ta' l-istess qrati. Għalhekk jidher li dan huwa prinċipju ta' ordni pubbliku inkwantu l-liġi timponi kontroll ġudizzjarju għall-esekuzzjoni ta' dak li hija tirrikonoxxi bħala titoli li għandhom il-qawwa li jesiġu l-għajnuna tal-forza ġudizzjarja biex jipprevali d-dritt li ġie kristallizat fit-titolu;

It-tieni osservazzjoni hija, li l-frażi "seta' jiġi esegwit" tirriferexxi għat-titolu li seta' jiġi esegwit; jiġifieri meta t-titolu tal-kreditur jakkwista l-potenzjalità ta' esekuzzjoni. Minn dik il-ġurnata li dan l-akkwist isir – it-titolu huwa esegwibbli basta li dik l-esekuzzjoni ssir matul il-perijodu ta' dik il-potenzjalità – tliet snin. L-ittra uffiċjali hija l-bidu ta' l-attwazzjoni ta' dik il-potenzjalità, hija l-ewwel pass fl-attwazzjoni tal-pontenzjalità esekuttiva tat-titolu. Huwa manifest illi it-titolu "seta' jiġi esegwit" **anki qabel ma l-kreditur kuntrattwali ma jiddeċidi li jesegwixxi** jekk il-kuntratt jiddikjarah kreditur, u sa minn dik il-ġurnata li huwa jkun hekk ġie ddikjarat. L-interpretazzjoni li hemm fis-sentenza tirriduċi t-terminu ta' tliet snin għal terminu li fih għandha tintbagħat l-ittra uffiċjali, fil-każ ta' l-esekuzzjoni ta' xi titolu li m'huwiex ġej minn sentenza jew digriet, u l-esekuzzjoni attwali wara dik l-ittra uffiċjali tiġi li ssir wara li jgħaddu t-tliet snin minn mindu l-kreditur seta' jesegwixxi imma ma esegwiex – u b'hekk il-kreditur ikun l-arbitru ta' prinċipju ta' ordni pubbliku – it-terminu – u dan m'huwiex konċepibbli. Interpretazzjoni simili mhux possibbli li tiġi kkonkordata mat-terminu ta' tliet snin akkordat lit-titoli esekuttivi per eċċellenza – is-sentenzi u d-digriet ta' dawn il-Qrati – li l-esekuzzjoni tagħhom ma jitolbux il-ħtieġa ta' żewġ atti għall-esekuzzjoni – l-interpellazzjoni u l-mandat imma l-mandat ma' l-ewwel. L-interpellazzjoni għalhekk mhix ħlief parti mir-ritwalità ta' l-esekuzzjoni ta' ċerti titoli u mhux it-titolu nnifsu li min

jippossedih jista' jgħaddi biex jesegwih fil-perijodu determinat mil-liġi;

6. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed (a) tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nullità taċ-ċitazzjoni; (b) tirrevokaha inkwantu akkoljiet l-eċċezzjoni illi, almenu in parti, il-mandat kien ritwalment korrett anki għal dik il-parti ta' l-allegat krediti tal-konvenuti li kienu ilhom aktar minn tliet snin jifformaw parti mit-titolu esekuttiv li kellhom il-konvenuti u (ċ) tibgħat lura lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ l-*atti tal-kawża* sabiex – wara din is-sentenza – tikkunsidra u tiddeċidi rigward l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti li fuqhom ma kinitx ippronunzjat ruħha minħabba dak li kienet iddeċidiet u (d) skond ir-riżultanzi – tiddeċidi fuq it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għall-konvenuti – dawk ta' l-ewwel grad, bla taxxa bejn il-kontendenti.